**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 15 ta' Jannar 2025**

**Kumpilazzjoni Numru: 39/2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Achille Acquafondata**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imsemmi **Achille Acquafondata** ta' Nazzjonalità Taljana, ta' erbgħin (40) sena, iben Filippo u Palmina Vernachio, imwieled ġewwa Castel Di Sangro, nhar it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u erbgħa u tmenin (1984), residenti ġewwa l-fond numru mija u tmienja u għoxrin (128). appartament numru erbgħa (4), Triq is-Swieqi, Swieqi, Malta, u detentur tal-karta tal-Identità Taljana bin-numru CA88258KY.

U f'isem ir-Repubblika ta' Malta nakkużawh talli bejn it-tmienja (8) u d-disgħa (9) ta' Jannar tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025) u/jew fil-jiem/ġranet ta' wara għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa (19:00hrs) ta' filgħaxija u t-tlieta (15:00hrs) ta' wara nofsinhar tal-għada, ġewwa JV Pharmacy Triq is-Swieqi, Swieqi, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' credit cards u/jew flus u/jew diversi oġġetti oħra, u liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur u liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' Cora Rita Calleja u/jew persuna/persuni oħra u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

2. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi xjentament laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b` qerq, jew akkwistati b` reat, sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b`kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

3. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, b`mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b`qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b`oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta` intrapriżi foloz, jew ta` ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta` krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża` dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta` ħaddieħor. It-tali ħsara ma tammontax għal aktar minn ħames mitt (€ 500) ewro' għad-detrmient ta' Cora Rita Calleja u kif ukoll JV pharmacy u/jew persuna/persuni oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

4. Talli akkwista, kellu fil-pussess tiegħu għal liema għan jkun, żamm jew importa arma regolari u/jew munizzjon, cioe' pepper spray, li huwa pprojbit taħt l-Iskeda I tal-Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex kemm-il darba ssib ħtija fl-imputat għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittmi.

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Cora Rita Calleja billi *pendente lite* toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat

skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti eżebiti mill-prosekuzzjoni;

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u ngħata biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li bihom ġie mixli l-imputat u li tagħhom huwa iddikjara li huwa ħati, kif ukoll, il-fedina penali tal-imputat. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li mhux qegħda titlob li tiġi mposta piena karċerarja effettiva fuq l-imputat.

Ħadet ukoll nota tal-fatt li l-prosekuzzjoni talbet li tiġi mposta Direttiva ta' Restituzzjoni fuq l-imputat u li hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni, u d-difiża li l-ammont li għandu jiġi restitwit lill-parti leża u cioe' lil Cora Rita Calleja huwa dak ta' tliet mitt ewro (€300).

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 281(a), 308, 310(1)(c) u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 3(a) u 51(1)(a) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 17, 20 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Achille Acquafondata**, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u qegħda tikkundannah għall-piena ta' sentejn priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi sospiża għal żmien erba' (4) snin mill-llum,

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċari u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm-il darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat iħallas lil **Cora Rita Calleja**, is-somma ta' **tliet mitt ewro (€ 300)** rappreżentanti l-ammont ta' danni sofferti minnha. Il-ħlas irid isir fi żmien massimu ta' ħames t'ijiem ta' xogħol mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabbilita tiegħu taħt l-imsemmi Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu mad-direttiva appena imposta fuqu b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti qegħda toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' **Cora Rita Calleja**. Dan l-Ordni ta' Trażżin qiegħed jinħareġ għal perijodu ta' tliet snin li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qiegħed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti qegħda ukoll tordna l-konfiska tal-*pepper spray*, kif ukoll tal-*EPOS machine* eżebiti f'dawn il-proċeduri u mmarkati bħala 'Dok P' u 'Dok S' rispettivament.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara